# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 535/97

Patrick Barbara

vs

Kmandant Forzi Armati ta' Malta

Illum 19 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghal habta ta' Lulju 1990 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti fil-qosor kienu li fin-1982 r-rikorrent beda jahdem id-dejma u dar regolari fin-1987 ghall-Forzi Armati. Illi r-rikorrent ilu jahdem il-Forzi Armati ghal dawn l-ahhar ghaxar snin u ilu jokkupa l-kariga

ta' Gunner minn meta dahal. Ir-rikorrent ghandu wkoll certifikat "Third Class Education";

Illi fin-1992 hargu l-promozzjonijiet ghal Lance Bombardier u minkejja li r-rikorrent ghandu l-kwalifiki kollha w l-esperjenza mehtiega ghal din il-kariga gie maqbuz. Ir-rikorrent dejjem qeda dmiru tajjeb kull fejn kien ordnat u la ghandu charges u lanqas "sick leave". Huwa kemm-il darba ghamel xoghol ta' chief clerk fil-Grad ta' Staff Sergeant u ghalhekk ir-rikorrent hass li kellu esperjenza bizzejjed;

Illi r-rikorrent kien ukoll konvint li gie maghzul ghal din il-promozzjoni minhabba t-twemmin politiku tieghu u li meta kien jahdem mad-dejma f'Marzu tan-1985 kien gie ordnat mill-Kmandant tieghu biex imur driver ma' l-Ex Prim Ministru l-Perit Dom Mintoff, fejn zamm din il-kariga sa Gunju 1987;

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilmenti tieghu lix-xhieda indikati fir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjonijiet ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni li gie mtellef b'lura minn 1992 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas

kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, li eccepixxa illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti.

Illi r-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' l-artikolu 5 (3) (b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi oltre l-inammessibilita` msemmija fil-paragrafu precedenti ta' min jinnota li r-rikorrent gie ngaggat fil-Forzi Armati ta' Malta fl-1 ta' Mejju 1987 u li c-certifikat tal-edukazzjoni li kopja tieghu r-rikorrent hemez mar-rikors tieghu gabu fil-15 ta' Frar 1991.

Illi, ibda biex, ma sarux promozzjonijiet f'Lulju 1990. Illi fil-promozzjonijiet li hargu b' effett l-1 ta' Ottubru 1990 ir-rikorrent kien anqas ikkwalifikat minn dawk li kienu *junior* tieghu u li gew promossi u li fil-fatt kienu tnejn.

Illi fil-promozzjonijiet li saru b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 l-individwi li gew promossi u li kienu j*unior* tar-rikorrent kienu kkwalifikati aktar mir-rikorrent hlief wiehed.

Illi l-esperjenza li r-rikorrent qed isostni li ghandu u li skond hu dejjem qeda dmiru, ghalkemm huwa mportanti meta whiehed jigi biex jikkunsidra individwi ghall-promozzjonijiet, wahedhom m'humiex bizzejjed biex wiehed jinghata promozzjoni.  Dan japplika wkoll ghal dak li r-rikorrent qed isostni fir-rigward ta' kemm ilu jgorr ir-rank ta' Gunner.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita` u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif ukoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe`, l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita l-gurisdizzjoni tieghu, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.
Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra li r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-kontenut tar-rikors u zied li f' Gunju 1987 gie ordnat jahdem il-Helicopter Flight illum Air Squadron jaghmel xoghol ta' clerk, liema xoghol qabel kien isir minn Warrant Officer. Fl-1989 beda jaghmel xoghol ta' chief clerk. Fl-1991 ghamel it-3rd Class Education. Charges u sick leave qatt ma kellu. Fl-1992 kienet hargu l-promotions u hadu promozzjonijiet nies li lanqas kellhom il-kwalifiki mehtiega ghall-promozzjoni ta' Lance Bombardier. Bhala seniority fl-Air Squadron kien it-tieni wiehed.

Xehed il-Kurunell Joseph Smith li qal li kien hemm xi zmien meta r-rikorrent kien jahdem tahtu fl-Air Squadron. Ix-xoghol tieghu kien ta' clerical duties u kien jiehu hsieb ukoll ir-records tal-piloti. Meta mar l-Air Squadron ir-rikorrent diga kien hemmhekk. Hu ma kellu l-ebda complaint fuq ix-xoghol tieghu. Qabel dan ix-xoghol kien jaghmlu Warrant Officer li kien ukoll pilota. Hu qal li l-confidential reports li ghamel fir-rigward tar-rikorrent kienu tajbin. Semma li l-confidential reports tan-nies kollha tal-Air Squadron li kellu tahtu ma sarux.

Dr Robert Galea xehed li ghall-habta tal-1995 kien staqsa lir-rikorrent jekk kienx imhajjar imur jiehu hsieb il-medical centre ghaliex kien ha l-impressjoni li r-rikorrent huwa efficjenti u jaf x' inhu jaghmel.
Xehed il-Brigadier Maurice Calleja li qal li fl-1992 u ghadu hekk sal-lum, kien hemm erba' kriterji ghal promozzjonijiet. Dawn kienu seniority, kwalifiki, rakkomandazzjonijiet u edukazzjoni. Ma kienx cert jekk ir-rikorrent kienx jissodisfa dawn l-erba' kriterji. Zied jghid li lil Patrick Barbara xtaq jirrikmandah u li kieku kien hemm aktar zmien biex isiru dawn il-promozzjonijiet u kien ikun hemm diskussjonijiet mas-C.O.' s flimkien mieghu hu kien jirrikmandah biex jinghata l-promozzjoni. Qal ukoll li Patrick Barbara kien wiehed mit-tajbin. Hu qal li ma kienx hemm raguni ghaliex hu ma kellux joqghod fuq ir-rakkomandazzjoni tas-C.O.' s tieghu. Zied jghid li dak iz-zmien kien hemm pressjoni politika biex isir certu individwu. Hu kien ipprova jinsisti biex isir ukoll ir-rikorrent izda r-risposta kienet li ma jistghux jibqghu jizdiedu n-nies ghall-promozzjoni. Spicca biex jghid li l-pressjoni politika li kienet saret fir-rigward ta' individwu iehor ma kellhiex effett fir-rigward tar-rikorrent.

Lt. Col. Mario Schembri esebixxa l-confidential report tar-rikorrent li jkopri minn Jannar 1989 sa Dicembru 1995. Dawn kollha kienu ffirmati mill-Officer Commanding tar-rikorrent li kien Joseph Smith. Mill-imsemmi dokument jirrizulta li kien hemm diversi kummenti favorevoli dwar ir-rikorrent bhal “good and honest soldier”, “performs his duty with diligence and energy”, “maintains the good

standards of soldiering", "has proven to be an asset to the squadron." Zied jghid li mid-dokument li esebixxa ma jirrizultax jekk il-confidential report tal-1991 kienx sar jew le.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-ewwel eccezzjoni bazata fuq l-inammissibilita` tar-rikors promotur fit-termini tal-Artikolu 5 (3) (b) tal-Kap. 394 peress li r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 tal-Att Dwar il-Forzi Armati giet irtirata fit-30 ta' Marzu 1999.

Dwar il-promozzjonijiet tal-1992, bhala seniority r-rikorrent gie maqbuz minn tlieta minn nies u cioe` Borg, Alamango u Scerri. Ir-rikorrent kellu Third Class Army Certificate Of Education waqt li mit-tlieta li qabzuh wiehed kien nil u t-tnejn l-ohra 2. Jekk wiehed jaccetta l-principju li tat-2 ghandhom jaqbzuh, bl-istess kriterju hu li kellu 3 kellu jaqbez lil dawk li kienu bin-nil quddiemu u cioe` sebgha ohra. Taht l-aspett ta' Trades ir-rikorrent kellu Clerk B3 waqt li mit-tlieta li qabzuh wiehed kellu Driver B2, wiehed ARM A3 u l-istess wiehed li kellu nil bhala Education kellu nil fit-Trades. Ukoll minn dawk li saru ta' qablu Pavia kellu nil fl-Education u nil fit-Trades meta kull ma kien tliet postijiet qablu.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni  ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni.  Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jhossx li saret gustizzja fil-konfront tar-rikorrent meta dan inqabez minn Julian Borg kif ukoll li sar qablu Jesmond Pavia.

Jichad l-eccezzjoni tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Lance Bumbardier b'effett mill-20 ta' Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.